MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Numru. 1091/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**PAUL GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Grech ta' 37 sena, bin Paul u Rosaria nee' Grima, imwieled Tal-Pieta' nhar is-7 ta' Marzu, 1969, residenti fil-fond Flat 26, Indipendenza Flats, Binja Hamrija, Triq il-Hamrija, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 120469M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Mejju 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat mal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew wieghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

2. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat mal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jezigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, eziga dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jitratta allegazzjoni ta' tixhim ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat mal-Awtorita' dawr it-Trasport (ADT). Il-kaz qed jinghad li gara f'Mejju 2006, u fix-xhur ta' qabel. L-imputat, li dak iz-zmien kien ezaminatur tas-sewqan tal-Awtorita', tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal zewg imputazzjonijiet – wahda alternattiva ghall-ohra, u precizament illi jew accetta flus li gew offruti lilu fil-qadi ta' dmirijietu[1], jew addirittura kien hu li talab il-flus biex

[1] Artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – ufficjal pubbliku li jezigi l-flus kontra l-Ligi

jaghmel dak li suppost kellu jaghmel bhala dmir tieghu mal-istess Awtorita'[2]. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li kien hemm okkazjoni wahda fejn l-imputat talab, jew gie offrut u accetta, is-somma ta' mitt lira maltin (Lm100.00), biex student jghaddi mit-test tas-sewqan. Id-Difiza tichad li qatt sehh dan.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda fil-mertu lill-Ufficjal Prosekutur li nvestiga l-kaz lil Saviour Abela li hu s-sid tas-Swallow Garage u Salvu's Motoring School, lil Paul Delicata li hu l-istudent li allegatament hallas dawn il-flus lill-imputat, u lil zewg kollegi tal-imputat – Jason Buttigieg u Roderick Abela, li dawn tal-ahhar xehdu wara li l-kawza kriminali kontriehom ghaddiet in gudikat. Id-Difiza ressqet bhala xhud lill-imputat u lil terzi li jafu lill-istess imputat, u lil Saviour Abela in kontro ezami.

Qabel xejn il-Qorti taghmilha cara li sejra tiggudika dan il-kaz biss fuq il-provi prodotti u fuq xejn izjed. Il-Qorti hija konxja li f'dawn l-ahhar zminijiet kien hawn kjass shih fil-pajjiz dwar xi ezaminaturi tal-ADT, u intqalu hafna affarijiet fuq il-mezzi tax-xandir fuq dawn l-istess ezaminaturi u fuq l-Awtorita'. Dan kollu l-Qorti bil-fors trid tiskartah, ghas-semplici raguni li 'quod non est in acti non est in mundo'. Biex issir gustizzja skond il-principju ta' dritt naturali u tal-Ligijiet tal-pajjiz, il-Qorti trid tillimita ruhha biss ghal dak li gie prodott bhala prova f'dawn l-atti, u f'dawn biss, xejn iktar u xejn inqas.

Ghar-rigward tal-provi, il-Qorti semghet kull xhud, qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda, u fliet id-dokumenti ezebiti. Ghandu jinghad mill-bidu nett li l-Qorti xejn m'hi konvinta mix-xhieda ta' certi persuni, l-aktar fosthom ta' Saviour Abela, li fid-darbtejn li kien fuq il-pedana tax-xhieda wera kemm kien skomdu iwiegeb ghal certi mistoqsijiet, u kemm tefa' aktar dubji milli certezzi f'dak li qal. Dan qieghed jinghad ghax l-imgieba tax-xhud waqt li kien qieghed jixhed nisslet hafna mistoqsijiet f'mohh il-Qorti, specjalment meta x-xhieda tieghu tigi mqabbla ma' dik ta' Paul Delicata. Dan tal-ahhar kien student jitghallem isuq

[2] Artikolu 115(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – korruzzjoni minn ufficjal pubbliku

‘truck’ ma’ Salvu Abela, u dan jghid testwalment li l-famuzi mitt lira tahom lill-istess Abela, u mhux lill-imputat. Abela, minn naha tieghu, jghid il-kontra – li Delicata ta l-flus lill-imputat, meta fl-istess xhieda tieghu jistqarr li hu ma kienx prezenti meta dawn il-flus suppost ghaddew minn id Delicata ghal id l-imputat. Il-Qorti hi propensa aktar temmen il-verzjoni ta’ Delicata, milli ta’ Abela.

L-istess ghandu jinghad meta l-Qorti ezaminat ix-xhieda taz-zewg ex-ezaminaturi Jason Buttigieg u Roderick Galea. Dawn jghidu li l-imputat kien involut fi skema ta’ tixhim fost uhud mill-ezaminaturi fil-perjodu bejn Novembru 2004 u Jannar 2005. L-imputat in difesa ezebixxa dokument li juri li f’dak il-perjodu kien l-Awstralja, liema prova ma kinitx kontradetta u zgur tista’ titqies li twassal sal-grad tal-probabbli. Ghalhekk, ukoll dawn ix-xhieda, f’ghajnejn din il-Qorti, ftit li xejn huma kredibbli.

Illi allura, l-uniku xhud ta’ sustanza li ressqet il-Prosekuzzjoni li huwa kredibbli u l-verzjoni tieghu hi, fil-fehma tal-Qorti, veritjera huwa precizament Paul Delicata. Dan spjega kif tela’ ghal test tas-sewqan ta’ truck mal-imputat, u wheel. Meta gie biex jaghmel it-tieni test, dan Delicata ta flus lil Salvu Abela. Il-qofol tal-kaz huwa precizament hawn dan il-mitt lira minn talabhom lil min, jew min offriehom lil min? Mill-mod kif xehed Delicata, il-Qorti qed tifhem li dan Delicata, wara li wehel mill-ewwel test, offra li jhallas lill-imputat biex jinbidillu r-rizultat, u qabel it-tieni test, hallas mitt lira lil Salvu Abela – presubbilment biex dawn jithallsu, jew parti jew kollha, lill-imputat. Pero bil-presunzjoni biss il-Qorti ma tistax tasal biex issib htija. Tista’ forsi tasal sal-grad tal-probabbli, li m’huwiex il-grad rikjest mill-Ligi ghall-onera ta’ prova tal-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tista’ tippresumi ukoll li mix-xhieda ta’ dan Delicata, bejn l-ewwel u t-tieni test, Abela u l-imputat setghu tkellmu bejniethom, izda dina hija biss presunzjoni. Peress illi dawn iz-zewg presunzjonijiet ma gewx ikkorraborati minn provi ohra jew minn xhieda ohra, il-Qorti ma tistax toqghod fuqhom. Jibqa’ ghalhekk il-possibbilta’ li Delicata seta’, taht forma jew ohra, offra li jhallas flus lill-imputat biex ibiddillu r-rizultat tal-ewwel test, izda hawnhekk ukoll dan biss m’huwiex reat li ghandu

jwiegeb ghalih l-imputat, izda se mai ghandu jwiegeb ghalih Delicata stess.

Il-Qorti tista' ghalhekk tistabilixxi dawn bhala fatti verosimili. Fl-ewwel lok, li Paul Delicata offra flus lill-imputat wara l-ewwel test biex l-istess imputat ibiddel ir-rizultat tal-ezami, haga li l-imputat ma ghamilx. Fit-tieni lok, Paul Delicata hallas mitt lira lil Saviour Abela, izda mhux direttament lill-imputat. Fit-tielet lok, wara t-tieni lok, Salvu Abela resaq fuq l-imputat wara li thalals minn Delicata, izda ma hemm l-ebda xhud okulari li ra lil Abela ihallas lill-imputat. Fin-nuqqas ta' provi ohra, diretti jew indizzjarji, dawen it-tliet fatti wahidhom ma jwasslu ghal ebdax irregolarita' da parti tal-imputat.

Ezaminata din ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, il-Qort rat ukoll it-tliet stqarrijiet tal-imputat, li huma forsi fost l-aktar provo attendibbli, ghax inghataw 'a tempo vergine' mill-imputat. Hawnhekk ukoll il-Qorti ma tara xejn li jista' b'xi mod jinkrimina jew jitfa' xi htija fuq l-imputat. Mistoqsi mill-Ufficjal Investigattiv, hu dejjem innega li qatt ha flus biex xi kandidati ghall-ezami tas-sewqan ma jehlux mill-istess ezami. L-imputat jghid biss li kien jithallas xi haga zghira tal-flus, bhala 'tip' minn Saviour Abela talli wara li jsiru t-tests kollha fl-ahhar tal-gurnata l-imputat kien isuq il-vettura ta' dan Abela lura l-garage tieghu. F'dan l-agir il-Qorti ma tara xejn kontra l-imputazzjonijiet in ezami f'dan il-kaz. Forsi huwa ftit indesiderabbli li ezaminatur jaccetta 'tips' minn sidien ta' 'driving schools', izda wiehed irid jara dan fl-isfond tal-ambjent tax-xoghol tax-xufiera ta' vetturi kummercjali, li hafna drabi jghinu lil xulxin fix-xoghol taghhom.

Nigu issa ghall-provi prodotti mid-Difiza. Bla dubju ta' xejn ix-xhud ewlieni hawnhekk kien l-imputat innifsu. Ix-xhieda l-ohra kienu aktar ghall-iskop tal-karattru tal-imputat, ghax fil-verita' ma qalu xejn ta' sustanza fuq il-mertu. L-imputat, fil-fehma tal-Qorti, iddefenda lilu nnifsu bl-ahjar mod li seta'. Hu wiegeb ghal kull mistoqsija, kien koerenti fix-xhieda tieghu u kien dejjem konsistenti f'dak li qal, anki meta mqabbel mal-istqarrijiet moghtija minnu zmien qabel u ezebiti mill-Prosekuzzjoni. Id-Difiza ma kellha tipprova

xejn hlief li sal-grad tal-probabbli l-imputat m'huwiex hati, haga li l-Qorti, wara li rat il-provi kollha, tikkondividi pjenament.

Fl-ahhar nett il-Qorti tixtieq tirrileva li fil-fehma taghha, il-Prosekuzzjoni ghamlet sew li ressqet lill-imputat biex iwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet. A bazi tal-indikazzjonijiet li kellha l-pulizija dak iz-zmien, bil-fors kellha ssir din il-kawza flimkien mal-ohrajn li tmexxew mill-pulizija kontra ezaminaturi ohra tal-ADT. Ma tfissirx ghal hekk, izda, li l-imputat necessarjament huwa hati ta' dawk l-imputazzjonijiet. Iridu jigu ezaminati l-provi prodotti fil-kaz, u l-Qorti ghandha tizen bir-reqqa dawn il-provi biex tara sa fejn iwasslu. Kif gia inghad qabel, ix-xhieda ta' Saviour Abela, Jason Buttigieg, u Roderick Galea ftit huma attendibbli, u x-xhieda ta' Paul Delicata ma gietx korraborata sal-grad rikjest mill-Ligi biex il-Qorti jkollha provi quddiemha bizzejjed li jwasslu ghal htija fl-imputat lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni. Il-Qorti tapprezza ferm l-isforz ghaqli tal-abbli Ufficjal Prosekutur, izda kienu dawk it-tliet xhieda tieghu stess li l-inqas ikkonvincew lill-Qorti. Mill-asjem tal-provi, ghalhekk, il-Qorti ma tarax li tista' ssib htija fl-imputat.

Ghal dawn il-motivi;

Wara li rat l-Artikoli 18, 112, 115 (c), 119, 532 A, u 532 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat Paul Grech hati tal-imputazzjonijiet hek kif dedotti kontra tieghu.

U ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------